MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Avviz Numru. 263/2005

**Avviz numru 263/05 DM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Pulis Roderick**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centenzmu (LM 2,625.15c) bilanc ta' somma akbar mislufa lilu, kwantu ghal elfejn, mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (LM 2,255.36c) bilanc tal-kapital u kwantu ghal tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM 369.79c), bilanc tal-imghaxijiet dovuti inkorsi fuq l-istess kapital u dana fir-rigward ta' ''Loan Account'' numru 075-067645-300 (gja 758018784),

liema self gie versat lilu in virtu’ ta’ skrittura privata ossia ‘‘sanction letter’’ datata 17 ta’ Marzu 2001 esebita bhala dokument A, u skond kif jirrizulta mill-prospett dokument B anness mall-avviz rilaxxjat mis-socjeta’ attrici fir-rigward ta’ l-istes self, bl-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta’ April, 2005 sal-hlas effettiv ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Mejju 2004 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju 2005 u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kovnenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament il-PL Jonathan DeMaria rapprezentant tal-bank attur, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u konsegwentement qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkudanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (LM2,625.15c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’ effett mis-26 t’ April, 2005; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------